*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

---

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - Nu 64

3/2023 it-Tmien Leġislatura

Data: Il-Ħamis, 9 ta' Novembru 2023

Ħin: 18:30

Bdiet: 18:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella Zammit | Viċi - Sindku | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Thomas Debattista | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Christian Pace | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsillier | Assenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**64.1 Ittri ta'Apoloġija**

64.1.1 Is-Sindku semma li s-Sa. Marmara ma nfurmatx li ma kinitx ser tattendi. Filwaqt li s-Sur Pace informa sabiex ikun skużat. Għaldaqstant huwa ppropona li s-Sa. Marmara titniżel bħala assenti filwaqt li s-Sur Pace jitniżżel bħala assenti. Fuq proposta tas-Sindku sskondata mis-Sur Thomas Debattista.

**64.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.63**

64.2.1 Is-Sindku ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 63 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Darlene Vella, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**64.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 52**

64.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sa. Darlene Vella u s-Sur Neil Portelli ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-17 t' Ottubru 2023 u t-8 ta' Novembru 2023 li kienet tammonta għal €69,481.09.

**64.4 Punti mill-Minuti**

| | |
|---|---|
| **64.4.1 Proġett tal-Pjazza** | Is-Sindku semma Infrastruttura Malta mexxjin bil-proġett u ser ikunu qed joħorġu s-sejħa dalwaqt. Semma li dan il-proġett mhux ser jinbeda qabel Mejju. Semma li dan id-dewmin fil-proġett huwa wieħed iġġustifikat minħabba li saru studju fuq dawl, ilma u anki dranaġġ li għaddej mill-pjazza. |
| **64.4.2 Triq Kurunell Mass** | Is-Sindku semma li Infrastruttura Malta ser tkun qed tibda wkoll xogħol ġewwa Triq il-Kurunell Mass fosthom xogħol fuq ir-roundabout u anki l-bankina. |
| **64.4.3 Skema – Clean Up** | Il-Sindku semma li din kienet saret u li kienu ser jintbgħatu d-dokumenti lid-Dipartiment sabiex jinġabu l-fondi allokati. |
| **64.4.4 Latrini Awtomatiċi** | Is-Sindku semma li kienu qed jistennew mill-Perit sabiex jinkitbu l-ispeċifikazzjonijiet ta' tender. |
| **64.4.5 Fondi Norveġiżi** | Is-Sindku semma li l-attivita' tal-aħħar tal-proġett li kienet ser issir fi Ġnien Joanne nhar 2 ta' Diċembru 2023 ser tkun posposta għal nhar 2 ta' Marzu 2024. Semma li dan minħabba li għadu għaddej xogħol fil-ġnien minn Public Works u anki Projects Green. Semma li Projects Green ser jagħddu wkoll irrigazzjoni minħabba l-pjanti li ser ikunu imħawla. Is-Segretarju spjegat li waqt Bilateral Meeting li kien hemm mal-Funds Manager tal-Fondi Norveġiżi inġibdet l-attenzzjoni li minkejja l-parti infrastrutturali tal-proġett kienet lesta jidher li bejn il-fondi disponibbli u l-ispiża attwali hemm diskrepanza ta' madwar €40,000. Il-Kunsill semma li huma ma kienux infurmati qabel mis-Segretarju preċidenti li ser ikun hemm din id-diskrepanza. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv semmiet li hija ser tkun qed tressaq talba mal-Managing Authority għal żieda |

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

fil-fondi. Semmiet li jekk din iż-żieda ma tingħtax il-Kunsill ikolli joħroġ dawn il-fondi mir-riservi. Id-diskrepanza tidher li ġiet peress li l-Kunsill approva sejħa li kienet qabżet l-ammont stimat kif ukoll kien hemm approvazzjoni mill-ex Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill għall-varjazzjoni fuq il-kuntratt, primarjament fejn jidħol metraġġ ta' kurduni.
Semmiet li kif ser titressaq din it-talba ser jintalbu wkoll fondi addizzjonali sabiex issir bandla ta' toddlers kif ukoll soft area taħtha.

**64.4.6 Heritage Trail**

Is-Sindku fakkar lis-Sur Christian Pace kellu jagħddi kopja tal-proposta lill-Kunsill. Il-kunsillier responsabbli semma li għandu disin lest tal-podium fejn tista' issir l-informazzjoni.

**64.4.7 Traffic Calmers**

Is-Sindku semma li Triq Annuciation ma ġietx approvata li jiġu nstallati ballards kif kien propost mill-Kunsill. Semmew li ser jipproponi li jsiru żewġ traffic calmer imma għandu jkun hemm traffic management sħiħ taż-żona. Semma li din il-materja għada pendenti.

**64.4.8 Bring in Sites**

Is-Sindku semma li dawn tpoġġew f' posthom u li tal-ħġieġ tneħħew minn mas-sett u tpoġġew ħdejn il-magni tal-BCRS.

**64.4.9 Dar tal-Kejka**

Is-Sindku semma li l-Scouts kienu għadhom ma kkomunikawx mal-Kunsill wara li kienet intbgħatet korrispondenza lilhom sabiex issir laqgħa.

**64.4.10 Mixgħela taċ-Ċimiterji**

Is-Sindku semma li hemm l-attivita tal-mixgħela taċ-ċimiterji kienet ta' suċċess. Xtaq jirringrazzja lill-istaff kollu tal-kooperazzjoni tagħhom kif ukoll għax-xogħol kollu li jagħmlu sabiex dawn l-attivitajiet jittelgħu b' suċċess.

**64.4.11 Festa Ħelu**

Is-Sindku semma li Festa Ħelu ser issir kif pjanat nhar 25 ta' Novembru 2023. Semma li ser toħroġ sejħa għal minn irid jarma. Semma li fl-attivita' ser jixtgħel ukoll id-dawl tal-Milied tal-lokal. Semma li tqassmu 21,000 flyer madwar ir-Reġjun.

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

---

| | |
|---|---|
| **64.4.12 Festa San Martin** | Is-Sindku semma li ser ikun hemm serata ta' San Martin. Irringrazzja lis-Sa. Portelli, residenta mil-lokal li tgħin sabiex jingħtaw tifkiriet waqt dawn l-attivitajiet. Semma li l-anzjani talbu li tkun organizzata attivita' b' tombla lejn żmien il-Milied. |
| **64.4.13 Attivitajiet tal-Milied** | Is-Sindku semma li ser isir festin tal-anzjani kif ukoll festin ta' tfal. |
| **64.4.14 Kerrejja** | Is-Sindku semma li kienu inġabru l-kwotazzjonijiet u li kien ser jinbeda x-xogħol kif propost fl-aħħar laqgħa.<br>Semma li ser isir dawl dekorattiv. Is-Sur Thomas Debattista staqsa sabiex ikun hemm aktar qsari. |
| **64.4.30 Rendikont ta' Taxxa** | Is-Sindku semma li għadu qed jistenna direzzjoni kemm mill-accountant kif ukoll mid-Dipartiment. |
| **64.4.15 Contract Manager** | Is-Sindku semma li kien hemm kien hemm komunikazzjoni mal-Contracts Manager u li dan bagħat ukoll ittra bl-avukat. Huwa propona li l-ħlasijiet għalissa jibqgħu pendenti. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Debattista, il-Kunsill approva li dan is-servizz ma jkunx imħallas u kif ukoll jaraw mezz kif jiġi itterminat. |
| **64.4.16 Inħawi ta' Ġnien Ovindoli** | Is-Sindku semma li kien wara li kienu ġew misduda xi culverts bil-konkos huwa kien għadu għaddej bil-komunikazzjoni ma' Public Works sabiex dawn jinfetħu. |
| **64.4.17 Triq ~~Bulebel~~** | Is-Sindku semma li l-proposta li għaddha s-Sur Debattista fl-aħħar laqgħa tressqet lit-Transport Malta għall-approvazzjoni. |
| **64.4.18 Xogħlijiet fit-toroq** | Is-Sindku semma li x-xogħlijiet fit-toroq fi Triq Karlu Maratta u Triq Ġanni Faure kien għaddej. |
| **64.4.19 Ħaddiema Kunsill Lokali** | Is-Sindku u s-Segretarju semmew li jixtieqi jirringrazzjaw lill-ħaddiema kollha tal-involviment tagħhom. Semmew li |

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

---

huma japprezzaw li minkejja l-iskali li jinstabu fihom huma jagħtu kontribut kbir lill-Kunsill. Irringrazzjaw ukoll lill-ħaddiema tal-Komunita' li jagħmlu xogħol tajjeb immens kemm amministrattiv kif ukoll fuq barra.
Is-Segretarju semmiet li hemm waħda mill-ħaddiema li ser ikollha tqata' ftit tal-ġimgħat barra mix-xogħol peress li ser tkun qed tagħmel it-tieni operazzjoni tagħha. Is-Segretarja talbet għall-approvazzjoni li jekk kemm-il darba jispiċċala l-leave u sick flok taqa' fuq l-unpaid leave tkun tista' tkompli taħdem b' mod remot. Fuq proposta tas-Sindku issekondata mis-Sa. Darlene Vella, din il-proposta kienet approvata.

**64.4.20 Ground 5 a side**

Is-Sindku semma li kienu qed jinġabru d-dokumentazzjonijiet kollha u kienet ser tinħareġ l-order to start works.

**64.4. 21 Triq it-Tempji Neolitiċi**

Is-Sindku semma li ser tinżamm laqgħa minħabba li hemm sit storiku fil-viċin, għaldaqstant ix-xogħlijiet fuq it-triq ser idumu ftit ma jinbdew.

**64.4.22 Ikla tal-Milied**

Is-Sindku semma li ser kun organizzata ikla tal-Milied għall-Membri Eletti u staff tal-Kunsill nhar 19 ta' Diċembru 2023. Semma li qed jinġabru l-kwotazzjonijiet.

**64.6 Aġġornament**

64.6.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-21:00, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Diċembru 2023 fil-17:00 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

Joseph Abela Galea

Sindku

Lianne Cassar

Deputat Segretarju Eżekuttiv